**1 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Benigno Gatt

*versus*

Michele Cini

**Sentenza — Taxxa — Spejjeż Ġudizzjarji — Eżekuzzjoni — Art. 254 (1) u (2) u art. 251 (a) tal-Kap. 15.**

*Ma hemmx dubju illi, meta l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu deċiżi b'sentenza, allura dik is-sentenza tikkostitwixxi titolu eżekuttiv tagħhom.*

*Imma meta s-sentenza ma tkunx ikkundannat lid-debitur għall-ħlas ta' somma likwida, u lanqas biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, u lanqas biex jeżegwixxi fatt jew obligu partikulari, imma tikkundannah biss iħallas l-ispejjeż tal-kawża, it-taxxa ta' dawk l-ispejjeż ma tistgħax tiġi eżegwita qabel ma l-kreditur ikun innotifikaha uffiċjalment b'att ġudizzjarju lid-debitur b'interpellazzjoni għall-ħlas.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut Cini, fl-4 ta' April, 1961, talab u ottjena minn dik il-Qorti kontra l-attur Gatt l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni għall-ammont ta' £14.17.10, spejjeż tal-kawża deċiża minn dik il-Qorti fis-16 ta' Marzu 1961 fl-ismijiet "Michele Cini vs. Benigno Gatt", u annetta taxxa mar-rikors għall-ispedizzjoni; u illi s-sentenza fuq imsemmija ma kkundannatx lill-attur Gatt għall-ħlas ta' somma likwida; u illi l-konvenut Cini ma nterpellax lill-attur Gatt kif jirrikjedi l-art. 254(2) Kod. Proċ. Ċiv. għall-ħlas tal-fuq imsemmija spejjeż, u ma annettiex mar-rikors għall-ispedizzjoni kopja tal-att uffiċjali nterpellanti għall-ħlas kif jinsab dispost fl-art. 276(2) tal-istess Kodiċi; u illi l-likwidazzjoni tal-ispejjeż ta' dik il-kawża saret mir-Reġistratur fis-27 ta' Marzu 1961; peress li, wkoll, in ok-

każjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat fuq imsemmi l-attur Benigno Gatt ikkonsenja f'idejn il-marixxall eżekutur l-ammont ta' £17.8.8, kreditu u spejjeż reklamat mill-konvenut Cini, hekk konsenjati biex jiġu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti (dok. A); liema ammont ġie depożitat mill-marixxall b'ċedola tal-10 ta' April 1961; talab (1) li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta' elevazzjoni spedit minn dik il-Qorti fl-4 ta' April 1961 fuq talba tal-konvenut Michele Cini kontra l-attur Benigno Gatt, (2) u konsegwentement l-attur Gatt jiġi awtorizzat jiżbanka mill-fuq imsemmija ċedola ta' depożitu nru. 2 tal-10 ta' April 1961, fl-ismijiet "Marixxall Henry H. Calleja vs. Benigno Gatt", l-ammont bl-istess ċedola depożitat, kollu jew in parti, skond kif jiġi stabbilit mill-Qorti. Salva kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-attur. Bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Mejju 1961, li rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, kif sewwa rrileva l-konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, hu segwa l-proċedura korretta għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni biex jottjeni l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża definita b'dik is-sentenza, deċiżi fl-interezza tagħhom kontra l-attur, għaliex dik kienet il-proċedura li kellha tiġi segwita skond il-liġi, u mhux l-oħra pretiża mill-attur;

Rat fol. 11 in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 12 il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija u li jiġu akkolti d-domandi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li meta l-ispejjeż jiġu deċiżi b'sentenza, allura dik is-sentenza hija t-titolu eżekuttiv tagħhom (Koll'ez. Vol. VIII. p. 531, lma. col.). B'daqshekk, però, ma jiġix solut il-"punctum legis" propost mill-appellant, li qiegħed isostni li, mentri l-konvenut mexa skond l-ewwel

subartikolu tal-art. 254 tal-Kod. tal-Proċ. Ċiv., inveċe kien messu mexa skond it-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, għaliex is-sentenza li l-konvenut eżegwixxa ma kienetx minn dawk imsemmijin fl-ewwel subartikolu;

Ma hemmx kwistjoni illi s-sentenza "de qua" ma taqgħax taħt l-art. 252 jew 253, u d-divarju qiegħed biss għar-rigward taż-żewġ subartikoli fuq ċitati;

Is-sentenza li dwar l-eżekuzzjoni tagħha hemm din id-diverġenza kienet fuq istanza, promossa mill-konvenut odjern, sabiex il-konvenut ta' allura, l-attur odjern, jiġi kundannat jittrasferilu l-fond li kien obliga ruħu li jikkostruwixxi għall-konvenut tal-lum. Il-Qorti kienet irrespinġiet l-istanza, iżda kkarikat l-ispejjeż fuq l-attur odjern. L-eżekuzzjoni issa "in lite" kienet tirrigwarda appuntu dawn l-ispejjeż;

Jiġi rilevat li l-ewwel subartikolu tal-art. 254 ma jirriferixxix ruħu għax-xorta tal-istanza, iżda għax-xorta tas-sentenza. Jgħid, infatti, dan:— "Kull sentenza li tkun tikkundanna lid-debitur......" Issa, hu ċert li dik is-sentenza ma kkundannatx l-attur odjern għall-ħlas ta' somma likwida, u lanqas biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, u lanqas biex jeżegwixxi fatt jew obligu partikulari. Il-kundanna għall-ispejjeż, tassabbli skond il-liġi, ma tistgħax titqies li tissoddisfa dawk l-eżiġenzi, għaliex is-somma, il-ħaġa ċerta, il-fatt jew obligu partikulari, hemm imsemmijin, huma dawk pre-eżistenti li jiffurmaw oġġett tal-istanza, mentri l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hi pedissekwa għall-istess istanza;

Minn dan titnissel il-konsegwenza loġika li, ġa ladarba s-sentenza "de qua" ma tikkwalifikax taħt dispożizzjonijiet oħra, għalhekk taqa' taħt il-lokuzzjoni komprensiva tat-tieni subartikolu tal-art. 254, ċjoè "l-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv ieħor". Il-kliem "titolu eżekuttiv", s'intendi, japplikaw ukoll għal sentenza, kif jidher mill-art. 251 (a) ibid.;

L-istanza, għalhekk, treġġi fuq l-art. 254 (2), inkwantokkè ma hux kontrastat li l-konvenut, qabel ma eżegwixxa,

ma nnotifikax uffiċjalment lill-attur b'interpellazzjoni għall-ħlas;

L-attur, għal xi raġuni li ma jidherx li ġiet spjegata, fit-tieni domanda qal "kollha jew in parti skond kif jiġi stabbilit mill-Qorti" in relazzjoni għall-iżbank tas-somma. Peress li din il-Qorti qegħdha tiġġudika nulla l-eżekuzzjoni tal-mandat, għalhekk, in forza tal-massima "quod nullum est nullum producit effectum", l-iżbank għandu jkun għas-somma ntiera;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet tal-attur. Atteżi ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru taż-żewġ istanzi jitħallas mill-konvenut.